Kunsill Lokali Ħal Balzan
153 Triq il-Kbira
Ħal Balzan

---

**MINUTI TAT-TMIENJA U TLETIN LAQGĦA TAS-SITT KUNSILL**

**Post:** fis-Sala tal-Kunsill, 153 Triq il-Kbira, Ħal Balzan

**Data:** Il-Erbgħa, 6 ta' Ottubru 2010

**Ħin:** Mis-5.45pm sat-7.55pm

**Prezenti:** It-Tabib John Zammit Montebello (wasal fis-6.10pm)
Is-Sur Joseph Mary Galea
L-Avukat Trevor De Giorgio (wasal fis-6.05pm)
Is-Sur J. Cassar
Is-Sur Guido Borg

Il-Viċi-Sindku ħa s-siġġu peres li s-Sindku kien għadu ma wasalx u l-laqgħa bdiet.

**1. <u>Korrezzjoni tal-Minuti tas-Seba' u Tletin laqgħa tas-Sitt Kunsill.</u>**

Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdu l-minuti tas-Seba' u Tletin laqgħa tas-Sitt Kunsill, ta' nhar il-Ħamis, 16 ta' Settembru 2010 (mehmuza). Kopja tal-minuti ngħatat lill kull kunsillier qabel il-laqgħa.

Il-Viċi-Sindku li kien issekondat mill-Kunsillier J. Cassar ippropona li ssir emenda fuq paġna numru 4 tal-Minuti sabiex l-aħħar sentenza tat-tieni paragrafu ta' artiklu 6 "Diskussjoni dwar l-offerti li ntefgħu dwar Knis tat-Toroq" taqra "Il-Viċi-Sindku nnota waqt id-diskussjoni li l-magna ma tistax tiknes fuq bankini dojoq, ser tkun ta' ostakolu għat-traffiku f'toroq dojoq, il-kuntrattur ma għandux esperjenza fuq dan ix-xogħol u l-fatt li hija l-aktar offerta għolja." Il-mozzjoni ta' korrezzjoni għaddiet unanimament. Il-korrezzjoni ġiet iffirmata mill-Viċi-Sindku u mis-Segretarju Ezekuttiv sabiex juru li huwa dokument korrett.

**2. <u>Approvazzjoni tal-Minuti tas-Seba' u Tletin laqgħa tas-Sitt Kunsill.</u>**

Il-Minuti tas-Seba' u Tletin laqgħa tas-Sitt Kunsill, ta' nhar il-Ħamis, 16 ta' Settembru 2010 kienu proposti għall-approvazzjoni mill-Kunsillier J. Cassar li kien issekondat mill-Kunsillier G. Borg. Il-minuti, kif emendati, kienu approvati unanimament. Il-Viċi-Sindku flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv ffirmaw il-minuti biex juru li huwa dokument korrett.

## 3. Mill-Minuti.

1. Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat lill-Kunsill illi l-kuntrattur ta' Transport Malta naddaf dik li ser tkun l-estenzjoni ta' Triq Antonio Bosio mill-materjal tal-bini li kien intefa. Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat lill-Kunsill illi hija kitbet lill-Transport Malta biex l-arja tiġi mwittijja sewwa u jingħata wiċċ temporanju biex wieħed ikun jista jgħaddi minnha.

2. Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat lill-Kunsill illi t-tabelli tan-*No Entry* tqiegħdu fi Triq l-Imdina kantuniera ma Triq San Frangisk biex waqt il-ħin tal-iskola ma jgħaddiex traffiku lejn l-iskola.

3. I-Segretarju Ezekuttiv qiegħdet fuq il-mejda tal-Kunsill kopja tal-Minuti ta' laqgħa li saret fid-29 ta' Settembru 2010 ma Michael Mizzi dwar ġbir ta' skart tal-ġnien (mehmuza). Kopja ngħatat lill kull kunsillier qabel il-laqgħa. Hija infurmat lill-Kunsill illi l-ġbir ta' skart tal-ġnien inbeda nhar is-Sibt, 2 ta' Ottubru 2010 u l-kuntrattur ser jitħallas €103 kull vjaġġ, VAT inkluz. Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat lill-Kunsill illi llum kellha laqgħa mas-Sur Mizzi fejn ġie miftiehem li nhar ta' Tlieta jiġbor biss l-iskart isseparat u għaldaqstant is-somma tal-kuntratt ser tibqa l-istess peres li flok jiġbor it-Tlieta ser jiġbor darbtejn is-Sibt.

4. Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat lill-Kunsill illi l-applikazzjoni dwar Memo 118/2010 dwar Inizjattiva Ambjentali biex tiċċelebra Għeluq l-20 sena ħidma tal-Kumpanija Vodafone ntbagħtet.

5. Is-Segretarju Ezekuttiv ġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill għal-fatt li fl-aħħar laqgħa tal-Kunsill għalkemm ġiet mgħazula d-ditta Innovative Projects Ltd biex tagħmel ix-xogħol ta' knis, il-Kunsill ma ddeċidiex dwar jekk jaċċettax li l-kuntattur jaħdem skond Skeda 7 *Council proposal* li tammonta għas-somma ta' €23,400 fis-sena jew skond Skeda 7a Contractor's Proposal li tammonta għas-somma ta' €28,080 fis-sena.

   Il-Kunsill unanimament qabel li l-kuntrattur Innovative Projects Ltd għandu jaħdem skond Council's proposal u għaldaqstant approva li jitħallas somma annwali ta' €23,400.

6. Il-Kunsillier G. Borg staqsa meta ser issir ir-*road hump* fi Triq il-Kannizzata kantuniera ma Triq il-Ferrovija l-Qadima. Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat lill-Kunsill illi l-Kunsill ma jistax jagħti xogħol lill-kuntrattur Polidano Group Ltd peres li għadu ma pprezentax il-*performance bond* u dan wara li għaddew għaxar xhur minn meta ħarġet il-*letter of acceptance* lill-kuntrattur, liema *letter of acceptance* kienet tagħtiħ 7 t'ijiem biex jipprezenta l-*performance bond* u dan minkejja d-diversi telefonati li saru lill-perit responsabbli tad-ditta. Hija nnutat li d-ditta ħarġet *performance bond* lill-Kunsill Lokali Birkirkara għal-*letter of acceptance* tagħhom imma mhux lill Ħal Balzan.

   Il-Viċi-Sindku, s-Sur J. Galea li kien issekondat mill-Kunsillier J. Cassar ippropona li tinħareġ sejħa għall-offerti mill-ġdid ladarba għaddew 10 xhur minn meta ħarġet il-*letter of acceptance* u l-kuntrattur baqa' ma pprezentax il-*performance bond*.

**F'dan il-ħin wasal il-Kunsillier Dr. T. DeGiorgio**

7. Il-Kunsillier Dr. T. DeGiorgio informa lill-Kunsill illi l-attivita' ta' *basketball* li ġiet proposta fil-laqgħa li għaddiet, taħt l-Skema dwar Inizjattivi Sportivi għas-sena 2011 ma tistax issir peres li min jorganizza l-*basketball* huwa *club* sportiv għaldaqtant il-Kunsill ma jistax japplika biex jorganizza *basketball* taħt din l-iskema.

8. Is-Segretarju Ezekuttiv staqsiet lill-Kunsillier Dr. T. DeGiorgio jekk kellux risposta dwar l-ispejjes involuti biex il-Kunsill jipparteċipa fil-kawza tar-residenti dwar il-kaz ta' Triq San Frangisk / San Gabriel li r-residenti fetħu konta l-MEPA. Dr. DeGiorgio qal f'dan l-istadju ma kellux risposta.

## 4. Korrispondenza.

Tqiegħdet fuq il-mejda tal-Kunsill xi korrispondenza li waslet bejn is-17 ta' Settembru 2010 u s-6 ta' Ottubru 2010 u rapport tal-korrispondenza li ġiet ipprezentata li ġġib id-data tas-6 ta' Ottubru 2010 (mehmuza).

**Ittra Numru 918/10:** L-itedina mill-AKL għal-programm televiziv għal-Kunsilli ġiet innutata. Il-Kunsill mhux ser jipparteċipa.

**Ittra Numru 917/10:** L-ittra mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar "Ġieħ l-Artiġġjanat Malt" ġiet innutata. Il-Kunsill ser jiddiskuti l-materja fil-laqgħa li jmiss.

**Ittra Numru 915/10:** Memo 127/2010 dwar kuntratti dwar il-ġbir ta' skart imħallat ġiet innutata. Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat lill-Kunsill illi hija rrispondiet illi peres li l-Kunsill ħareġ sejħa għal-offerti, bħalissa ma jistax jibgħat id-dettalji mitluba.

**Ittra Numru 914/10:** L-ittra ta' l-Enemalta dwar Temporary Supply of Electricity ġiet innutata.

**Ittra Numru 913/10:** L-ittra mill-MEPA dwar infurzar fuq ħanut numru 1 fi Triq Santa Marija ġiet innutata. Dr. T. DeGiorgio nnota li l-*Enforcement Officer* tal-MEPA mar fuq il-post u li l-air-*conditioning unit* ġie mitfi.

**Is-Sindku wasal f'dan il-ħin u ħa s-siġġu.**

**Ittra Numru 908/10:** L-ittra ta' residenti ta' Triq iż-Żekkuk dwar permess biex isir *parking* fuq il-bankina ġiet innutata. Is-Sindku nnota li din it-talba saret kemm-il-darba minn residenti ta' Triq iż-Żekkuk u l-Kunsill kien irrisponda li jekk ir-residenti jippreżentaw ċertifikat mingħand perit tal-fiduċja tagħhom li mhux ser issir ħsara lill-propjeta tagħhom il-Kunsill ikun jista jikkunsidra t-talba tagħhom. Is-Sindku fakkar li peres li fi Triq iż-Żekkuk kien hemm barriera, meta sar il-bini kien sar fuq il-planki, għalhekk il-bankina saret wiesa. Għaldaqstant il-Kunsill ma jistax jerfa' responsabilita' li ssir ħsara fi propjeta privata billi jagħti permess biex vetturi jipparkjaw fuq il-bankina. Il-Kunsill unanimament qabel li jagħti risposta f'dan is-sens lill min għamel it-talba u cioe' li l-Kunsill jieħu l-passi neċessarji kif jirċievi ċertifikat ta' perit li jgħid li mhux ser issir ħsara lill-propjetajiet ta' Triq iż-Żekkuk jekk isir *parking* fuq il-bankina.

**Ittra Numru 907/10:** L-*email* mill-MEUSAC dwar *Expression of Interest* dwar *ESF Priority Axis* 2 ġiet innutata.

**Ittra Numru 894/10:** L-ittra minn Investments Ltd dwar ħsara fi propjeta privata minn siġar li jinsabu fil-Wied ta' Ħal Balzan inqrat. Il-Kunsill innota li s-siġar kienu hemm ferm qabel ma sar l-bini tas-sidien Investments Ltd u għaldaqstant l-iżviluppatur seta ħa prekawzjonijiet biex ma ssirx ħsara lill-propjeta tiegħu qabel ma nbena. Il-Kunsill innota li mhux responsabbli mit-tneħħija tas-siġar li huma protetti mill-MEPA peres li għandhom ħafna żmien, il-Kunsill huwa responsabbli biss mill-manutenzjoni tas-siġar, għaldaqstant il-Kunsill mhux responsabbli għad-danni li jistu jsofru s-sidien. Il-Kunsill ser jibgħat lill-MEPA kopja ta' l-ittra li rċieva mingħand Investments Ltd għall-attenzjoni tagħhom u diġa bagħat kopja ta' l-ittra lill-kuntattur tal-Kunsill għal-kummenti tiegħu u saret talba biex jinżabru biex ma jwaqqawx ħafna weraq. Il-Kunsill talab li tintbagħat risposta lill-Investments Ltd f'dan is-sens.

**Ittra Numru 893/10:** L-ittra miċ-Ċentru ta' l-Għoti tad-demm biex jiġu kanċellati ċitazzjonijiet inqrat mis-Sindku u saret diskussjoni dwar dak li ġara. Il-Kunsill unanimament qabel li jibgħatilhom risposta fejn jinnota li l-Kunsill ma sabx oġġezzjoni li l-*mobile unit* jaħdem minkejja r-restrizzjonijiet tat-triq u minnufih bagħtna l-avvizi li kellhom jitwaħħlu biex ikun riservat post għalih kif ġejna mitluba minn Global Capital Ltd. Il-Kunsill għamel kundizzjonijiet biex il-*mobile unit* ma jkunx ta' ostakolu u periklu għal-terż persuni waqt li jkun qed jaħdem, liema kundizzjonijiet ġew injorati mix-xufier tal-*mobile unit.* Il-Kunsill ma kienx infurmat li kellhom xi permess mingħand il-pulizija u fil-fatt li l-*mobile unit* kellu jiċċaqlaq wara ordni tal-pulizija biex jitneħħa l-periklu juri li ma kienx ipparkjat sew. Minkejja dan kollu l-Kunsill jirrikmanda li ċ-ċitazzjonijiet fuq imsemmija jiġu mħassra minkejja n-nuqqas ta' koperazzjoni mix-xufier tal-*mobile unit* u dan għaliex il-Kunsill jrid isaħħaħ il-ħidma tal-*blood donation unit* imma mhux billi joħloq periklu għal-terżi persuni. Is-Segretarju Ezekuttiv għandha tinforma lill-Authorized Officer bid-deċizjoni tal-Kunsill sabiex titħassar iċ-ċitazzjoni.

**Ittra Numru 878/10:** L-ittra mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar il-korsijiet *lifelong learning* ġiet innutata.

**Ittra Numru 874/10:** L-ittra mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar Attivitajiet b'risq il-Community Chest Fund ġiet innutata. Il-Kunsill unanimament iddeċieda li jorganizza maratona tal-*billiard* fis-Sala Aurora bejn is-6.00pm tad-19 u s-6.00pm tal-21 ta' Novembru 2010. Il-Viċi-Sindku, s-Sur J. Galea ser jieħu ħsieb jorganizza l-maratona.

**Ittra Numru 873/10:** L-istedina għas-seminar Vizjoni 2015 ġiet innutata. Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi ma setax jattendi.

**Ittra Numru 871/10:** Memo 125/2010 dwar Kodiċi ta' prattici tajba għall-produzzjoni ta' *films* fil-lokalitajiet ġiet innutata.

**Ittra Numru 866/10:** L-ittra mid-Dipartiment tal-Kura Primarja dwar il-vaċċin ta' l-influenza ġiet innutata. Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat lill-Kunsill illi s'issa daħlu mat-80 applikazzjoni għal-vaċċin ta' l-influenza imma peres li għadna ma nafux meta ser jaslu l-vaċċin għadna ma infurmajniex lir-residenti dwar meta ser tingħata.

**Ittra Numru 861/10:** Ir-risposta ta' Transport Malta dwar *light fixtures* fil-bankini ġiet innutata.

**5. <u>Kommunikazzjoni tas-Sindku.</u>**

1. Dr. T. DeGiorgio nforma lill-Kunsill illi wara li rċieva lment mingħand is-Sur John Pullicino dwar l-estenzjoni tat-*tarmac* li ser isir fi Triq Robert Mifsud Bonnici, sar intervent mal-Ministeru u l-problema ġiet solvuta billi ser jingħata *tarmac* sa mal-bidu ta' Triq Santa Marija.

2. Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi waslitlu *email* li bagħat lill-Kunsill dwar *speeding* fi Triq San Valentinu bejn Triq Sisner u Triq il-Papa Alessandru VII imma din ma dehritx fil-korrispondenza. Is-Segretarju Ezekuttiv qalet li ma rċievitiex. Il-Kunsill unanimament approva li ssir *road hump* fl-arja ndikata fuq is-*site plan* mehmuza u għaldaqstant għandu jinkiseb il-permess tal-Malta Transport Authority biex issir.

3. Is-Sindku nnota li hemm bzonn li jiġu ffriskati l-marki ta' l-*istop* fi Triq il-Papa Alessandru VII kantuniera ma Triq Idmejda.

4. Is-Sindku staqsa x'qed isir fi Triq Bir Bal kantuniera ma Triq il-Bon Pastur.

5. Dr. T. DeGiorgio ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill għal-ilmenti li rċieva dwar il-fatt li hemm tabelli qrib it-*traffic lights* ta' Triq Bir Bal kantuniera ma Triq San Frangisk, liema tabelli ma jidhrux, li s-sewwieqa li jkunu niezlin minn Triq San Frangisk u jiġu biex iduru lejn Ħ'Attard ma jindunawx bit-*traffic lights* u meta jinqalbu d-dwal u jkollok tieqaf il-vetturi jispiċċaw jostakolaw it-traffiku f'nofs it-triq u jista jinqala inċident meta tieqaf ħesrem u jkun hemm karozza warajha.

**Il-laqgħa ġiet aġġornata għal-ħames minuti fis-7.05pm.**

**6. <u>Diskussjoni dwar il-kwotazzjonijiet li ntefgħu dwar ir-Restawr ta' l-Istatwa ta' Santa Marija.</u>**

Is-Segretarju Ezekuttiv qiegħdet fuq il-mejda tal-Kunsill, l-iskeda tal-kwotazzjonijiet u l-*file* bil-kwotazzjonijiet li ntefgħu għar-Restawr ta' l-istatwa ta' Santa Marija. Kopja ta' l-iskeda tal-kwotazzjonijiet li ntefgħu ngħatat lill kull kunsillier qabel il-laqgħa.

Il-Kunsill unanimament qabel li ma jallokax ix-xogħol peres li l-kwotazzjoni hija għolja wisq. Il-Kunsill talab lill-Kunsillier Dr. T. DeGiorgio biex jara tistax tinkiseb għajnuna mill-Ministeru responsabbli mill-kultura.

**7. <u>Diskussjoni dwar il-kwotazzjonijiet li ntefgħu dwar il-Provediment ta' Gazebo.</u>**

Is-Segretarju Ezekuttiv qiegħdet fuq il-mejda tal-Kunsill, l-iskeda tal-kwotazzjonijiet u l-*file* bil-kwotazzjonijiet li ntefgħu għal-Providiment ta' *Gazebo*. Kopja ta' l-iskeda tal-kwotazzjonijiet li ntefgħu ngħatat lill kull kunsillier qabel il-laqgħa. Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat lill-Kunsill illi ħadet parir informali mingħand mastrudaxxa tar-raħal u semmiet min huwa dwar x'materjal huwa addattat biex jintuza għal-barra bejn *cedar*, iroko u *red deal* fejn huwa infurmha li l-aħjar materjal huwa iroko. Hija nnutat li jekk il-Kunsill jixtieq jieħu parir formali hija tagħmel l-arranġamenti meħtieġa. F'dan il-ħin il-Viċi-Sindku ċempel lill xi ħadd li ma qalx min hu u nforma lill-Kunsill illi *cedar* huwa l-aħjar. Dr. T. DeGiorgio għamel riċerka fuq l-internet u nnota li hemm diversi tipi ta' *cedar* li jvarjaw minn materjal li mhux tajjeb għal-materjal li huwa b'saħtu għal-barra.

Is-Sindku li kien issekondat mill-Viċi-Sindku, s-Sur J. Galea ppropona li tiġi aċċettata l-offerta tad-ditta M-Quip Ltd li pprezentat kwotazzjoni b'materjal tas-*cedar* u sistema ta' *solar lighting*. Il-Kunsill qabel unanimament. Is-Sindku nnota li b'din il-kwotazzjoni l-Kunsill qed jagħti messaġ biex tintuza energija nadifa.

**8. <u>Rapport dwar l-ilmenti.</u>**

Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħed ir-rapport ta' l-ilmenti li jġib id-data tas-6 ta' Ottubru 2010 (mehmuz).

Il-Viċi-Sindku, s-Sur J. Galea nforma lill-Kunsill illi l-ispralli ta' l-ilma tax-xita għandhom bzonn jitnaddfu wara x-xita li għamlet peres li l-*catchpits* jinsabu mimlijin bil-materjal. Huwa nnota li s-Segretarju Ezekuttiv talbet lid-Dipartiment tal-Cleansing Services biex jipprezenta stima biex isir is-xogħol meħtieġ bħas-soltu. L-istima li ngħatat tammonta għas-somma ta' €2000 imma din ma tinkludiex il-*pressure bowser* li jrid jinkera mill-Kunsill. Huwa nnota li l-ħaddiema tal-Kunsill ma għandhomx għodda biex jaqgħalaw il-*welding* li hemm mal-*covers* ta' l-ispralli, lanqas ma jistaw jerġaw jiwweldjawhom fil-post u lanqas jistu jnaddfu s-sistema ta' l-*istorm water*, kull ma jistaw jagħmlu jekk ikollhom ilbies protettiv huwa li jnaddfu żewġ *catchpits* peres li dawn ma homiex iwweldjati.

Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat lill-Kunsill illi hija talbet aktar kwotazzjonijiet imma għad ma għandiex aktar risposti. Fl-istess ħin hija nnutat li bil-proċeduri l-ġodda jrid jsir avviz fil-gazzetta *Malta Independent* u fil-Gazzetta tal-Gvern. Il-Kunsill innota li d-ditta Asfaltar Ltd u Polidano Group Ltd jipprovdu servizz ta' tindif ta' spralli.

F'dan il-ħin is-Segretarju Ezekuttiv infurmat lis-Sindku li qabel ma wasal għal-laqgħa, il-Kunsill iddeċieda li joħroġ sejħa għall-offerti għal-manutenzjoni ta' toroq ladarba d-ditta Polidano Group Ltd ma kienitx ipprezentat il-*performance bond* minkejja 10 xhur żmien.

Is-Sindku nnota li huwa ta' *feedback* lis-Segretarju Ezekuttiv illi d-ditta kienet infurmatu li kienet għamlet *performance bond* lill-Kunsill ta' Birkirkara għal-ammont totali tal-kuntratt.

Is-Segretarju Ezekuttiv innutat li dan kien xi tlett ġimgħat ilu u hija kienet infurmatu li l-*performance bond* trid tinbidel jew tinħareġ waħda fuq Ħal Balzan peres li dik li nħarġet kienet speċifikatament lill-Kunsill Lokali Birkirkara u b'referenza għal-*letter of acceptance* li ħarġu l-Kunsill Lokali Birkirkara, liema ittra ma kientix saret bejn iż-żewġ kunsilli bħal ma wieħed kien jistenna peres li l-offerta nħarġet bejn iż-żewġ Kunsilli. Sadanittant l-*performance bond* għadha ma ntbagħtitx sallum.

Is-Sindku li kien issekondat mill-Viċi-Sindku ppropona li nistennew 15-il-ġurnata oħra u jekk ma tasalx il-*performance bond* il-Kunsill joħroġ sejħa għall-offerti mill-ġdid. Il-Kunsill qabel unanimament.

**Ilment Numru 17010021132013:** Ara deċizjoni li ttieħdet aktar kmieni fil-laqgħa waqt il-qari tal-korrispondenza.

**Ilment Numru 17010001132328:** Ara deċizjoni li ttieħdet aktar kmieni fil-laqgħa waqt il-qari tal-korrispondenza.

## 9. Sotto-Kumitat Manutenzjoni u Attivitajiet.

II-Viċi-Sindku, s-Sur J. Galea nforma lill-Kunsill illi n-New Year's Eve Countdown mhux ser issir għax il-Kappillan ma jistax jagħtina s-sala dakinhar.

Il-Viċi-Sindku, s-Sur J. Galea informa lill-Kunsill illi l-attivita' ta' l-indafa li ser tiġi organizzata għall-iskejjel ser issir fit-28 ta' Ottbru 2010 u dik għal-Kazini ser issir fl-20 ta' Ottubru 2010.

## 10. Approvazzjoni biex isir il-ħlas ta' *Petty Cash*.

Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdet l-iskeda ta' ħlasijiet li ġġib id-data tas-6 ta' Ottubru 2010 (mehmuza) li tammonta għas-somma ta' €6,853.91.

L-iskeda ta' ħlasijiet kienet proposta għall-approvazzjoni mill-Kunsillier J. Cassar li kien issekondat mill-Viċi-Sindku, s-Sur J. Galea. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet. L-iskeda ta' ħlasijiet ġiet iffirmata minn żewġ kunsillieri biex nuru li hija dokument korrett.

## 11. Affarijiet Oħra:

1. Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdu l-minuti ta' laqgħa li saret fit-28 ta' Settembru 2010 ma rapprezentant ta' Innovative Projects Ltd (mehmuza). Kopja ngħatat lill kull kunsillier qabel il-laqgħa.

2. Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħed ir-rapport dwar *risk assessment* for *Balzan Playing Field* li jġib id-data ta' l-14 ta' Settembru 2010.

3. Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat lill-Kunsill illi għal-istedina għal-laqgħa mis-Segretarju Parlamentari għan-Negozji Żgħar u Artijiet attenda s-Sur Stephen Gatt. Kunsill jew għaqda tista tissottometti applikazzjoni għal-Premju billi tagħti dettalji ta' xi inizjattiva li ttieħdet biex tgħin lin-negozji fir-raħal jew f'Malta. Is-Sindku nnota li s-sena li għaddiet kelna studenti li għamlu *survey* fuq il-bzonnijiet ta' negozji zgħar u li kopja ta' dan is-*survey* għandha tingħata lis-Sur S. Gatt sabiex jara x'jista joħroġ minnu biex issir applikazzjoni għal-dan il-premju.

**Għeluq:** Il-laqgħa li jmiss se ssir nhar il-Erbgħa, 3 ta' Novembru 2010 fil-5.30pm.

| | |
|---|---|
| **Dr. J. Zammit Montebello** | **Ms. M. Zammit** |
| Sindku | Segretarju Ezekuttiv |

Data